**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 14 ta` Marzu 2016**

**Kawza Nru. 9**
**Rik. Nru. 125/16 JZM**

**Rikors tal-kumpannija Executive Services Limited (C-6533) ai termini tal-Artikolu 329B tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta)**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors ipprezentat fis-<u>17 ta` Frar 2016</u> mis-socjeta` Executive Services Limited (C-6533) li jaqra hekk :–

*1. Illi dan ir-rikors qed jitressaq ai termini tal-Artiklu 329B tal-Att dwar il-Kumpanniji [Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta] u permezz tieghu l-esponenti sejra titlob li titqieghed taht procedura biex il-kumpanija tirkupra [company recovery proceedings.] Ghal kull buon fini jinghad illi dan ir-rikors*

*qed jitressaq mill-kumpannija wara rizoluzzjoni straordinarja tal-azzjonisti [Dok **ESL 1**] ;*

***<u>Kuntest Fattwali</u>***

*2. Illi l-kumpanija rikorrenti giet iffurmata u registrata fl-1983 u kienet u ghada topera fil-qasam tal-pubblikazzjonijiet u reklamar (publications and marketing). Fost l-ohrajn, il-kumpannija msemmija tippubblika r-rivisti Tune-In, Cibus u Law and Practice u hija l-proprjetarja tad-drittijiet intellettwali relatati mal-istess rivisti. Taghmel ukoll xoghol relatat ma` reklamar ;*

*3. Illi mit-30 ta` Gunju, 2001 sal-lum, l-ishma fl-istess kumpannija kienu maqsumin nofs bin-nofs bejn Michael Dimbleby u martu Dolores Dimbleby. L-imsemmija Michael u Dolores Dimbleby kienu wkoll direttament involuti fil-gestjoni tal-operat u n-negozju tal-kumpannija. Ir-rapprezentant legali u gudizzjarju tal-kumpanija Executive Services Limited huwa prezentement Michael Dimbleby [Ara dok **ESL 2** – dokumenti tal-MFSA] ;*

*4. Illi bejn l-2010 u l-2012, Michael Dimbleby kien marid serjament u bdiet tiehu hsieb in-negozju martu Dolores. B`xorti hazina, l-imsemmija Dolores Dimbleby mardet serjament ukoll u Michael Dimbleby kellu jerga` jiehu rwol fil-gestjoni tal-kumpanija ;*

*5. Illi proprju f`dan il-kuntest difficli ghall-kumpanija, fis-sena 2012, Michael Dimbleby gie avvicinat mir-ragel ta` bintu – Ryan Schembri – li offra li jghin fl-operat tal-kumpannija u jerga` jgibha fuq saqajha ;*

*6. Illi ghandu jinghad mill-ewwel li dan Schembri ma huwa hadd ghajr id-direttur notorju tal-MORE Supermarkets li kif rappurtat anke fil-midja lokali, spicca harab minn Malta minhabba djun kbar relatati ma` negozju, djun li wasslu ghall-kollass tal-grupp MORE Supermarkets ;*

*7. Illi l-kumpanija esponenti Executive Services Limited ukoll ingidmet mill-agir frawdolenti tal-imsemmi Ryan Schembri, kif ser jigi spjegat ;*

*8. Illi fil-qosor, Ryan Schembri ssuggerixxa li Executive Services Limited tiddiversifika l-operat taghha u minflok tistrieh biss fuq pubblikazzjoni ta` rivisti, kif kienet taghmel principalment sa dak iz-zmien, tintefa` izjed fuq servizzi ta` reklamar. Huwa wieghed ukoll li se jghaddi lil Executive Services Limited xoghol ta` marketing ghas-Supermarkets MORE u kumpaniji u negozji ohrajn relatati mal-istess grupp ;*

*9. Illi fid-dawl ta` dawn il-proposti u minhabba l-problemi ta` sahha ta` Dolores Dimbleby, fl-1 t`April, 2013 Dolores Dimbleby irrizenjat minn direttrici tal-kumpanija u minflokha gie appuntat Ryan Schembri ;*

*10. Illi ghandu jinghad illi ghal certu zmien, l-involviment ta` Ryan Schembri kien wiehed vantaggjuz ghall-kumpanija billi ghadda xoghol gdid lil Executive Services Limited li, tal-anqas ghall-bidu, bdiet tithallas tieghu ;*

*11. Illi sfortunatament, pero`, dak li ma kinux jafu l-konjugi Dimbleby kien li s-supermarkets gestiti minn Ryan Schembri kienu f`qaghda finanzjarja mwieghra. Dan kien jafu biss Schembri li ma semma` xejn lil Dimbleby, minkejja li dawn kienu l-kunjati stess tieghu !*

*12. Illi gara li mal-kollass tal-grupp ta` kumpanniji relatati ma` More Supermarkets fl-2014, il-kumpanija Executive Services Limited spiccat esposta ghal dejn ta` l-fuq minn mitejn elf Euro [€ 200,000] dovuti lilha minn kumpanniji fil-grupp MORE u kumpanniji jew negozji ohra li fihom Ryan Schembri kellu xi involviment. Dan id-dejn huwa prattikament impossibbli li qatt jigi rkuprat ;*

*13. Illi inoltre, minhabba li n-negozju taghha f`dawn l-ahhar sentejn/tlieta kien jiddependi fuq xoghol ghall-grupp MORE, il-kumpanija esponenti tilfet madwar sebghin fil-mija (70%) tal-klijentela taghha li mhux facli illi jinbena mill-gdid fi zmien qasir ;*

*14. Barra minn hekk, dan mill-ewwel wassal ghal problemi mal-kredituri ezistenti ta` Executive Services Limited. Kemm hu hekk, kif griet ix-xniegha fis-suq Malti li Executive Services Limited ingidmet minn direttur taghha stess – Ryan Schembri – il-kredituri ma tawhiex izjed credit terms u nsistew illi jkomplu jinnegozjaw maghha biss on a cash basis. Dan minkejja*

*illi f`dan il-qasam huma normali credit terms ta` mill-anqas disghin (90) gurnata. Executive Services Limited spiccat f`sitwazzjoni fejn ma setghetx tkompli bl-operat taghha.*

*15. Illi din hija sitwazzjoni mwieghra li l-konjugi Dimbleby u l-kumpanija taghhom spiccaw fiha intortament ghaliex inzammew fil-ghama minn persuna li hasbu li jistghu jafdaw ;*

*16. Illi f`dan l-istadju l-ammonti dovuti mill-kumpannija Executive Services Limited huma, bejn wiehed u iehor, dawn li gejjin :-*

| | | |
|---|---|---|
| *(a)* | *FSS/SSC:* | *€ 215,634* |
| *(b)* | *VAT:* | *€ 60.000* |
| *(c)* | *Allied Newspapers Group* | *€ 203,133* |
| *(d)* | *Kredituri ohrajn* | *€ 170,000* |
| *(e)* | *Banek* | *Xejn* |

*17. Illi ghalhekk l-ammonti dovuti jeccedu s-somma ta` € 465,874.68 imsemmija fl-Artikolu 329B(1)(d)(ii) tal-Kap 386.*

*18. Illi, min-naha l-ohra, l-kumpanija ghandha tiehu minghand debituri taghha s-somma ta` € 408,791 li minnhom, realistikament, tista` tigbor lura madwar tlieta u erbghin elf Euro (€ 43,000). Jifdlilha wkoll xi depoziti f`kontijiet bankarji u madwar ghaxart elf Euro (€ 10,000) depozitati fil-Qorti wara mandati ta` sekwestru li saru kontra l-kumpanija.*

*19. Illi din il-pozizzjoni tal-kumpanija tirrizulta mid-dokumenti li qed jigu annessi ai termini tal-Artiklu* ***329B(2)(b)*** *u cjoe :*

*(i) Dikjarazzjoni tal-attiv u l-passiv tal-kumpannija [Statement of Affairs] maghmula sal-31 ta` Dicembru, 2015 [**Dok ESL 3**]*

*(ii) Lista bl-ismijiet u indirizzi ta` kredituri tal-esponenti, b`indikazzjoni tal-ammonti dovuti, u b`indikazzjoni tal-istess krediti humiex privileggjati u/jew ipotekarji [**Dok ESL 4**]*

*(iii) Lista ta` debituri tal-esponenti, b`indikazzjoni ta` liema mid-djun huma rekuperabbli u liema le [**Dok ESL 5**]*

*20. Illi s-sitwazzjoni hija tali li fil-prezent il-kumpanija esponenti mhijiex f`pozizzjoni li thallas id-djun taghha ;*

*21. Illi, minkejja dan, kif ser jigi spjegat, id-direttur u azzjonist tal-kumpannija Michael Dimbleby jemmen li hemm il-possibilita` li jintlahaq arrangament mal-kredituri tal-kumpannija intiz li wassal sabiex dawn eventwalment jithallsu d-djun taghhom, qabel xejn dawk privileggjati ;*

*22. Illi huwa pero` sottomess illi biex dan il-pjan jirnexxi, ikun fl-ahjar interess tal-kumpannija, tal-kredituri taghha u tal-azzjonisti/diretturi wkoll illi l-kumpanija titqieghed fi proceduri biex tirkupra ai termini tal-Artikolu 329B tal-Kap 386, u taht is-supervizjoni ta` kontrollur specjali ;*

***<u>Dwar il-possibilita` ta` ftehim li jagevola l-kredituri</u>***

*23. Illi qabel ma l-kumpannija waslet f`sitwazzjoni illi tipprezenta dan ir-rikors, il-kumpannija ghamlet kuntatt mal-kredituri principali taghha [entitajiet governattivi u l-Allied Newspapers Group, cjoe Allied Newspapers Limited u Progress Press Limited] anke bl-intervent tal-konsulenti legali u l-awdituri taghha, sabiex tesplora arrangamenti dwar hlas tad-djun :*

*24. Illi dwar dan, jinghad kif gej :*

*i. Saret proposta lid-Dipartiment tal-VAT illi taxxa fuq il-valur mizjud li ga thallset fuq debiti li kjarament qatt ma huma ser jithallsu lill-kumpanija esponenti [principalment is-somom dovuti mill-kumpaniji fil-grupp ta` MORE Supermarkets u kumpanniji relatati ma` Ryan Schembri] jigu pacuti ma` ammonti li huwa ammessi bhala dovuti f`pendenzi lid-Dipartiment tal-VAT. Jekk din il-proposta tintlaqa`, l-ammont dovut f`VAT jonqos ghal €20,000 ;*

*ii. Saret komunikazzjoni mal-IRD, biex wiehed jesplora jekk japplikawx xi skemi, inkluz skemi ta` pagament bin-nifs ; Dwar dan, l-esponenti ghadha qed tistenna risposta;*

*iii. Fl-ahharnett, saru negozjati fit-tul ma` Allied Newpapers Group [Allied Newspapers Limited u Progress Press Limited] li hija l-kreditur principali u gie wkoll abbozzat (izda mhux iffirmat) ftehim li permezz tieghu l-istess kumpannija tassumi l-obbligu tal-pubblikazzjoni tar-rivisti Tune In,*

*Cibus u Law and Practice b`dan li Executive Services Limited tithallas ammont ta` elf u hames mitt Euro (€ 1,500) ghal kull harga ta` Cibus, elf seba` mija u hamsin Euro (€ 1,750) ghal kull harga ta` Tune In u elf seba` mija u hamsin Euro (€ 1,750) ghal kull harga ta` Law and Practice. Dan jissarraf fi dhul ta` madwar erbghin elf Euro (€ 40,000) fis-sena. Nofs dan il-hlas jigi pacut mal-ammonti dovuti lil Allied Newspaper Limited filwaqt li n-nofs l-iehor jigi mghoddi lill-kumpannija Executive Services Limited biex minnhom jithallsu, f`ammonti rateali, il-kredituri l-ohra, l-ewwel u qabel kollox dawk li ghandhom krediti privileggjati [Abbozz anness bhala **ESL 6**]*

*25. Illi huwa sottomess illi b`dan il-mod, in-negozju tal-kumpannija jista` jibqa` haj, bl-ghajnuna ta` kumpanija rispettata fil-qasam (Allied Newspapers Limited) u bi dhul regolari li minnu jistghu jithallsu l-kredituri ;*

***<u>Talbiet</u>***

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, il-kumpannija rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :-*

*[i] tqieghed lill-kumpannija rikorrenti Executive Services Limited taht procedura biex il-kumpannija tirkupra ai termini tal-Artikolu 329B tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*[ii] konsegwentement tahtar kontrollur specjali biex jiehu kontroll hu, biex jimmaniggja u jamministra n-negozju tal-kumpannija rikorrenti ghal zmien specifikat mill-Qorti ai termini tal-Artikolu 329B tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*[iii] taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti ohra li jidhrilha xierqa u gusti, inkluz li tawtorizza lill-kontrollur specjali hekk appuntat biex jidhol fi ftehim jew arrangamenti mal-kredituri tal-kumpannija jekk ikun il-kaz ;*

Rat id-dokumenti li kienu pprezentati mar-rikors promotur.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta` Frar 2016 fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tad-<u>29 ta` Frar 2016 fid-9.30 a.m</u>.

Semghet ix-xiehda tal-Awditur Stephen Galea fl-udjenza tad-29 ta` Frar 2016 u rat id-dokument li pprezenta x-xhud.

Semghet ukoll fl-istess udjenza lil Michael Dimbleby, direttur tas-socjeta` rikorrenti, jikkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors promotur.

Semghet ix-xiehda ta` Michel Rizzo u Alex Galea fl-udjenza tal-1 ta` Marzu 2016.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-procediment ghal-lum sabiex taghti provvediment fil-miftuh.

## II. Provi

Bil-konferma bil-gurament da parti ta` **Michael Dimbleby** tar-rikors promotur u tad-dokumenti li kienu prezentati mal-istess, il-fatti li johorgu mir-rikors jikkostitwixxu **prova**.

**L-Awditur Stephen Galea** xehed illi huwa ilu ghal ghaxar snin l-awditur tas-socjeta` Executive Services Limited (minn issa `l quddiem tissejjah "Executive". Qal illi huwa jaf bil-ftehim propost bejn Executive Services Limited min-naha wahda u Progress Press Company Limited (minn issa `l quddiem tissejjah "Progress") u Allied Newspapers Limited (minn issa `l quddiem tissejjah "Allied") min-naha l-ohra anke ghaliex huwa ha sehem f`xi laqghat li wasslu biex isir l-abbozz tal-ftehim. Qal illi l-Progress hija l-istampatur ta` rivisti li tippubblika Executive. Apparti rivisti, Executive kienet tohrog ukoll brochures li kienu jigu stampati fil-Progress Press.

Ix-xhud fisser illi Executive hija debitur ta` Progress u Allied. Bil-ftehim propost instab mod fejn minn naha wahda l-kredituri jithallsu l-kreditu taghhom, u min-naha l-ohra d-debitur tkompli bin-negozju taghha. Bil-ftehim Executive kien sejjer jibqghalha flus mnejn tkompli thallas kredituri ohrajn u kwindi Progress u Allied ma kienu se jgawdu l-ebda posizzjoni preferenzjali in konfront ma` kredituri ohra.

Fisser illi kien hemm zmien meta Executive ma kenitx sejra tajjeb. Dahal fix-xena Ryan Schembri li jigi r-ragel tat-tifla tad-diretturi ta` Executive, u Excecutive bidlet in-natura tax-xoghol taghha. L-entrata fix-xena ta` Ryan Schembri bdiet iggib dhul tajjeb ghall-kumpannija specjalment ghaliex kien jghaddilha xoghol konness mal-MORE Supermarkets. Pero` xorta baqghet ghaddejja bil-pubblikazzjonijiet li kienet taghmel qabel.

Qal illi Executive hadet daqqa sewwa `l isfel meta sehh il-kollass tal-MORE Supermarkets ghaliex waqaf hesrem ir-revenue li kien diehel minn hemm u ma setghetx tigbor dak li kellha tiehu.

Ix-xhud stqarr illi l-ahhar audit ta` Executive kien dak ta` Gunju 2013 (Dok SG1). Ghal dik is-sena, it-telf kien ta` €31,000 ; is-sena ta` qabel it-telf kien akbar. Kienet bdiet issewwi l-posizzjoni taghha. Imbaghad inqalghet habta u sabta l-problema tal-MORE Supermarkets, u baqghet ma thallsitx tax-xoghol kollu li Executive hadmet "on credit" ghal MORE.

Il-Qorti staqsiet lix-xhud jekk bhala awditur (mhux semplici accountant) kienx jirrakkomanda l-procedura tal-irkupru (dik odjerna) bhala alternattiva ghax-xoljiment u stralc tal-kumpannija.

Ix-xhud wiegeb illi bil-ftehim kif propost minn Progress u Allied il-procedura tal-irkupru tkun tajba, ghaliex in-negozju ta` Executive se jkompli u d-dhul li se jkollha se jibbenefikaw minnu mhux biss Progress u Allied li huma kredituri ta` ammonti qawwija izda anke l-kredituri l-ohra. Bix-xoljiment u l-istralc il-kredituri jispiccaw ma jiehdu xejn.

Ix-xhud sostna li Executive ma tikkwalifikax bhala *dead wood.* Kompla hekk :-

*... ghaliex ahna illi tkellimna mat-Times hija li t-Times huma lesti jzommuha hajja, izommu hajjin dawn iz-zewg publications illi huma ghandhom biex jithallsu l-kredituri. Ovvjament huma parti mill-kredituri, allura ha jithallsu. Pero` jekk tieqaf il-bicca xoghol, jekk ma jkunx hemm recovery pero` jkun hemm liquidation li ha jigri huwa illi t-Times ha jghidu nieqfu m`hu ha jigri xejn, they made that quite clear in their discussions, allura l-likwidatur, ikun min ikun imqabbad mill-Qorti, mill-kredituri, hu*

*x`hinu, ha jsib l-assi tal-kumpannija, ha jara x`ghandha assi l-kumpannija, u ha jqassam dawk li hemm.*

Qal illi l-pubblikazzjonijiet ta` Executive ghandhom valur ta` *going concern.* Jekk jieqfu ma jigu jiswew xejn. Is-sahha tal-pubblikazzjonijiet ta` Executive huwa li jitqassmu mat-Times li ghandha cirkolazzjoni mifruxa hafna kif huwa ben maghruf. Ftehim bhal dak propost difficilment tista` taghmlu Executive ma` stampatur iehor.

Ix-xhud ikkonferma l-korrettezza tad-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors promotur.

Ix-xhud baqa` jsostni sal-ahhar li Executive timmerita l-procedura ta` rkupru in vista ta` dak li ghaddiet minnu minhabba l-kollass tal-MORE Supermarkets.

**<u>Michel Rizzo</u>** – Direttur Manigerjali ta` Progress Press Company Limited u Direttur ta` Allied Newspapers Limited – xehed illi ilu jaf lil Michael Dimbleby u s-socjeta` Executive issa ghal madwar ghaxar snin ghaliex jistampaw ghand il-Progress rivisti li jitqassmu mas-Sunday Times of Malta u cioe` Cibus u Tune-In. Executive hija wkoll il-publisher ta` Law & Practice. Apparti pubblikazzjonijiet, Executive xi drabi kienet tistampa avvizi fil-gazzetti ta` l-Allied. Executive tiehu hsieb ir-reklamar fir-rivisti. Ir-rivisti baqghu jigu ppubblikati b`regolarita` sa Novembru 2014. Billi Executive hija debitrici ta` Progress u Allied, kien propost il-ftehim Dok ESL6. Sostna li jekk Executive tinghata sostenn biex tkompli bil-pubblikazzjoni tar-rivisti, u mhux thallihom jispiccaw, allura tkun tista` ddawwar ir-rota lura. Progress u Allied huma disposti jiffirmaw ftehim aggornat ghall-prezent ma` Executive fuq il-linji traccjati fl-abbozz Dok ESL6.

Ix-xhud stqarr li l-inkwiet ghal Executive beda lejn l-ahhar tal-2014. Sa dak iz-zmien ir-relazzjoni kummercjali taghha ma` Progress u Allied kienet tajba. Fil-perijodu in kwistjoni, Executive bdiet taqa` lura fil-hlasijiet li kellha taghti. Waqt il-laqghat li kellu ma` Michael Dimbleby ir-ragunijiet li ndika kien li kien baqa` diehel revenue minghand klijent partikolari taghha li kien jaghtiha x-xoghol. Ix-xhud irrefera precizament ghal MORE Supermarkets. Ix-xhud insista li sakemm MORE ma kienx fix-xena, Progress u Allied ma kellhomx problemi ma` Executive.

Il-Qorti staqsiet lix-xhud jekk Progress u Allied kienux favur procedura ta` rkupru.

Ix-xhud wiegeb hekk :-

*Assolutament ... ghax nemmnu illi l-prodott li ghad hemm, there`s still a good amount of financial life in them. Illum il-gurnata nahseb il-magazines, tal-gazzetti l-iktar l-iktar, allavolja hadu ftit daqqiet over the years ghax ovvjament gew riplejsjati bi prodotti digitali, whatever, ghad hemm suq hafna ghalihom, ghad hemm hafna advertisers li jfittxuhom biex jinvestu advertising fihom, u nahseb kif tista` tara anke mill-prodotti taghna tal-gazzetta stess ahna nohorgu l-magazines taghna wkoll, nipproducuhom ahna u nipprintjawhom ahna u nippubblikawhom ahna, ghadhom ghaddejjin tajjeb hafna infatti. So nemmen li dawk it-titli li ghadhom sa certu punt tal-Executive Services bi ftit attenzjoni min-naha ta` xi hadd, kumpannija serja bhalna, nistghu nahseb insalvawha.*

Dwar Michael Dimbleby, ix-xhud qal hekk :-

*Ragel fost l-irgiel.*

<u>**Alex Galea**</u> – Commercial Operating Officer ta` Allied – xehed illi huwa responsabbli mill-bejgh tal-gazzetti u tar-reklamar. Bhala regola, ma kienx inkwiet fir-relazzjoni kummercjali ma` Executive, lanqas finanzjarju, sakemm Executive ma wehlitx ma` debitur taghha li dahhal lilha fl-inkwiet. Il-ftehim abbozzat fid-Dok ESL6 huwa mod effettiv kif Allied u Progress jithallsu l-krediti taghhom u Executive tibqa` ghaddejja. Il-bazi tal-ftehim huwa li s-socjetajiet kreditrici jqisu bhala *trust worthy* lil Executive.

Dwar Michael Dimbleby, ix-xhud stqarr illi jimmerita fiducja u minn dejjem hekk kien matul l-ghoxrin sena illi kien ilu jafu fin-negozju.

Skont ix-xhud, procedura ta` rkupru hija fl-interess ta` kull kreditur.

## III. <u>L-Art 329B tal-Kap 386</u>

Il-procedura tal-irkupru ta` kumpannija maghrufa bl-Ingliz bhala *company recovery procedure* jew *company rescue* kien introdott ghall-ewwel darba fid-dritt socjetarju Malti bl-Att IV tal-2003 meta sar l-Art 329B tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta. In segwitu saru emendi fl-2005, fl-2007 u fl-2008 ghall-istess disposizzjoni.

Il-procedura kif dahlet fil-ligi taghna hija mfassla fuq is-sistema tal-"*administration*" li jithaddem fid-Dritt Ingliz. Inghad minn Bailey, Groves & Smith fil-ktieb "**Corporate Insolvency**" (2nd. Edit, 2001) pag. 120 illi –

"*Inevitably the procedure obliges the court, lawyers and accountants to approach the problem raised with commercial awareness and sensibility. The court, in particular, is being asked on the hearing of the petition to make a commercial judgement which is often difficult to make even for a business person. The procedure is court based and professional advisers must be involved from the earliest point possible ; much of the success of the procedure will depend on the preliminary work leading up to presentation of the petition.*"

**L-Art 329B huwa disposizzjoni komplessa.**

**Il-Qorti qeghda taqsamha f`sitt (6) partijiet.**

**Fl-ewwel parti** li tingabar fis-subartikoli (1), (2) u (3) hija ta` natura pregudizzjali fis-sens illi l-ligi tinseg il-kondizzjonijiet li fuqhom il-Qorti trid tasal ghad-decizjoni taghha li jew tichad it-talba jew inkella illi taghmel l-ordni biex il-kumpannija tirkupra.

**Fit-tieni parti** li tingabar fis-subartikolu (4) hemm trattati l-effetti ta` procedura ta` din ix-xorta, li jibdew jghoddu mid-data tal-presentata. Dawk l-effetti jintemmu fid-data li fiha t-talba ma tintlaqax. Jew ikomplu matul iz-zmien kollu li fih tkun giet awtorizzata l-procedura biex kumpannija tirkupra.

**It-tielet parti** migbura fis-subartikoli (5) (6) (7) (10) u (11) tittratta l-hatra, tnehhija jew vakanza tal-kontrollur specjali kif ukoll, is-setghat u d-dmirijiet tieghu.

**Ir-raba` parti** li tingabar fis-subartikoli (8) u (9) tittratta kwistjonijiet meta waqt li tkun ghaddejja l-procedura jirrizulta negozju frawdolenti jew negozju hazin.

**Il-hames parti** li tingabar fis-subartikoli (12) u (13) tittratta dwar it-terminazzjoni tal-ordni u l-ghoti ta` dokumenti lir-Registratur tal-Kumpanniji.

Waqt illi **s-sitt parti** li tingabar fis-subartikolu (14) tittratta l-istralc tal-kumpannija mill-Qorti.

Skont **l-Art 329B(1)** *meta kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha jew jew x'aktarx ikun imminenti li ma tkunx tista' thallas id-djun taghha*, ikun hemm lok illi jsir rikors fejn il-Qorti tintalab *sabiex il-kumpannija titqieghed taht procedura biex kumpannija tirkupra u biex tahtar kontrollur specjali biex jiehu kontroll hu, biex jimmanigga u jamminstra n-negozju tal-kumpannija ghal zmien specifikat mill-Qorti.*

Fil-kaz tal-lum, ir-rikorrenti **taccetta** li mhijiex f`pozizzjoni li thallas id-djun taghha (ara para 20 tar-rikors promotur). Ghalhekk diga` tinsab fi stat ta` insolvenza.

Rikors skont din il-procedura jista` jigi prezentat –

*(i)* *jew mill-kumpannija wara rizoluzzjoni straordinarja ; jew*

*(ii)* *mid-diretturi wara decizjoni tal-bord tad- diretturi ; jew*

*(iii)* *mill-kredituri tal-kumpannija li jirrapprezentaw aktar minn nofs il-valur tal-kredituri tal-kumpannija.*

Fil-kaz tal-lum, ir-rikors kien prezentat mill-kumpannija wara rizoluzzjoni straordinarja li ttiehdet fl-14 ta` Jannar 2016 wara laqgha tal-azzjonisti (ara Dok ESL1).

Procedura biex kumpannija tirkupra tapplika biss ghal –

*(i) l-kumpanniji kollha li ma jikkwalifikawx bhala ''kumpanniji zghar" skont l-artikolu 185 ; u*

*(ii) ''kumpanniji zghar'' li jkollhom iktar minn valur ta' €465,874.68 dovut lill-kredituri.*

Jirrizulta li l-kumpannija rikorrenti tikkwalifika kif jirrizulta mill-Para 16 u 17 tar-rikors promotur.

Is-subartikolu (2) ighid hekk –

*(a) Rikors ghandu, kemm hu possibli, jaghti l-fatti, ic-cirkostanzi u r-ragunijiet kollha li wasslu biex il-kumpannija ma tkunx tista' jew ikunu imminenti li ma tkunx tista' thallas id-djun taghha, flimkien ma' dikjarazzjoni mir-rikorrent ta` kif il-qaghda finanzjarja u ekonomika tal-kumpannija tkun tista' tittejjeb fl-interessi tal-kredituri u ta' l-impjegati taghha u tal-kumpannija nnifisha bhala azjenda vijabbli.*

*(b) Meta rikors ikun maghmul mill-kumpannija, ghandhom ikunu annessi mieghu d-dokumenti li gejjin :*

*(i) dikjarazzjoni ta' l-attiv u l-passiv tal-kumpannija maghmula sa data li ma tkunx qabel id-data tar-rikors b'iktar minn xahrejn ; u*

*(ii) lista li jkun fiha l-ismijiet u l-indirizzi tal-kredituri flimkien ma' indikazzjoni ta' l-ammont dovut lil kull wieJed minn dawk il-kredituri u s-sigurtà, jekk ikun hemm, tal-kredituri rispettivi …*

*Jidher illi l-kumpannija rikorrenti ottemperat ruhha ma` din il-procedura.*

Is-subartikolu (3) jittratta s-setghat tal-Qorti u ighid hekk –

*(a) Meta tisma' rikors, il-Qorti tista', wara li tezamina c-cirkostanzi kollha u l-azzjonijiet li jkun hemm, jew tichad ir-rikors jew tohrog ordni biex kumpannija tirkupra … fejn tilqa' t-talba u tqieghed lill-kumpannija taht procedura biex kumpannija tirkupra.*

*(b) Il-Qorti ghandha tilqa' r-rikors, u skond dan tqieghed lill-kumpannija taht procedura biex kumpannija tirkupra, biss jekk -*

*(i) tkun sodisfatta li l-kumpannija ma tkunx tista', jew x'aktarx ikun imminenti, li ma tkunx tista', thallas id-djun taghha skond kif imfisser fl-artikolu 214(5) ; u*

*(ii) jekk tikkunsidra li l-ordni x`aktarx jiolhaq xi wiehed mill-ghanijiet li gejjin :*

*- li l-kumpannija tibqa' azjenda vijabbli ghal kollox jew f'parti ;*

*jew*

*- is-sanzjonament taht l-artikolu 327 ta' kompromess jew arrangament bejn il-kumpannija u kull kredituri jew membri taghha*

*(c) Fl-eghmil ta' ordni, il-Qorti ghandha tikkunsidra :*

*(i) l-ahjar interessi tal-kredituri, ta' l-azzjonisti u tal-kumpannija nnifisha, u l-possibbiltà li thares l-impjiegi kif ikun jidher ragonevoli u finanzjarjament possibli fic-cirkostanzi ; u*

*(ii) il-kost li jkollu jsir biex tkun adottata procedura biex kumpannija tirkupra, partikolarment id-drittijiet u l-ispejjez li jkollhom jithallsu.*

Il-Qorti hija marbuta b`terminu perentorju li huwa stabbilit fis-subinciz (e) tas-subartikolu (3) li jaqra hekk –

*Il-Qorti ghandha tiddeciedi jekk tichadx ir-rikors jew taghmilx ordni biex kumpannija tirkupra fi zmien ta` mhux iktar minn ghoxrin jum tax-xoghol minn meta jkun prezentat ir-rikors.*

Il-Qorti qeghda taghti dan il-provvediment fit-terminu stabbilit mil-ligi.

## IV. Konsiderazzjonijiet

Fil-Pag 45 tal-ktieb : "**Principles of Maltese Company Law**" (Malta University Press – 2007) Andrew Muscat ighid hekk :–

*"The primary aim of this far reaching procedure is to allow, if practicable, companies in financial difficulty to recover rather than to be put them into liquidation. The procedure is intended to be an alternative to the liquidation of a troubled business. It is not however intended to make effective insolvency or to merely postpone the inevitable crash*".

Dan huwa kliem iebes izda preciz li jqieghed lill-Qorti fuq il-binarji propji meta tkun rinfaccjata bi procedura ta` din ix-xorta.

**a) Il-qaghda finanzjarja tas-socjeta` rikorrenti**

Minn esami akkurat tar-rikors promotur u tad-dokumenti li kienu hemm (debitament konfermati bil-gurament minn Michael Dimbleby), il-qaghda fianzjarja tas-socjeta` rikorrenti llum tinsab imweghra u mhijiex felici.

Irrizulta li ghalkemm kien hemm zmien fejn ma kenitx tajjeb finanzjarjament izda xorta baqghet ghaddejja ghaliex kienet tgawdi l-istima u l-komprensjoni tal-kredituri taghha, is-socjeta` rikorrenti hadet daqqa wahda sewwa `l isfel wara zmien komdu bil-kolass tal-MORE Supermarkets. L-ghaliex kien imfisser fis-succint tal-provi.

Il-*bottom line* ta` dan kollu llum huwa li fl-istat illi tinsab illum ir-rikorrenti ma tistax thallas id-djun taghha [Art.329(1)(a) tal-Kap.386].

Fil-fatt mhijiex thallas id-djun jew talbiet ghall-hlas li qed isirulha mill-kredituri taghha.

L-istampa difficli li tinsab fiha r-rikorrenti tohrog bl-aktar mod car mil-lista tal-kredituri u mill-i*statement of affairs* taghha.

b) **<u>Irkupru minflok xoljiment</u>**

Ghalkemm setghet, ir-rikorrenti ma marritx ghax-xoljiment izda ghall-procedura tal-lum. Dak li wassalha ghal din l-ghazla huwa ben spjegat u dokumentat fir-rikors promotur li kien debitament ikkonferma bil-gurament minn Michael Dimbleby.

Il-Qorti hija sodisfatta li r-rikorrenti qaghdet ma` dak li jitlob l-Art 329B sabiex tressaq it-talba taghha, inkluz illi l-Qorti nghatat spjegazzjoni tac-cirkostanzi li r-rikorrenti tqis li wasslu ghall-qaghda ta' bhalissa. Gabet ukoll quddiem il-Qorti l-progett taghha ta` kif il-qaghda finanzjarja taghha tista' titjieb ghall-beneficcju taghha u tal-kredituri taghha, tenut kont tal-fatt li rrizulta li r-rikorrenti m`ghandhiex impjegati [Art.392B(2)(a) tal-Kap.386].

c) **<u>Il-pjan</u>**

Il-pjan tar-rikorrenti sabiex ittejjeb notevolment il-posizzjoni attwali taghha jingabar fl-abbozz ta` ftehim Dok ESL6.

Il-Qorti qaghdet attenta hafna li ma toqghodx fuq abbozz ta` ftehim izda nsistiet li tisma` rapprezentanti tas-socjetajiet kreditrici tar-rikorrenti.

L-istampa li dawn il-persuni pprezentaw lill-Qorti hija posittiva hafna u sostnew il-fehma tal-Qorti waqt li kienet qeghda tismaghhom li l-pjan propost huwa vijabbli u jaghmel sens ghal kulhadd.

Bi strategija azjendali attenta, u bl-abbozz isir ftehim veru u propju, ir-rikorrenti tkun tista` ddawwar il-kurrent avvers favur taghha.

Naturalment it-twettieq tal-ftehim eventwali jfisser li r-rikorrenti trid *ixxammar il-kliem* ferm aktar milli ghamlet sal-lum.

Il-konfort tal-Qorti jinsab fil-fatt illi kull min xehed fil-procediment tal-lum ma kellux hlief kliem tajjeb u responsabbli ghall-imgieba ta` Michael Dimblebly li fuqu jidher li ddur it-tmexxija tan-negozju tar-rikorrenti.

d) <u>Id-direzzjoni</u>

**Wara li hadet kollox in konsiderazzjoni, il-Qorti tesprimi l-fehma li t-twettieq ta` ftehim aggornat sal-lum ta` Dok ESL6 ghandu jkun il-bazi tar-risanament tar-rikorrenti, bil-kredituri jibqghu realment fil-posizzjoni li jigbru dak li huwa taghhom.**

Bil-fatt illi l-azzjonisti tar-rikorrenti minflok marru ghall-procedura ta` xoljiment u stralc bil-konsegwenzi kollha (aktar negattivi milli posittivi taghha) li procedura ta' dik ix-xorta timporta, irrikorrew ghall-procedura tal-lum sabiex prevja d-debiti kawteli kif ukoll kontrolli ta` din il-Qorti l-kumpannija ddur dawra sewwa madwarha u fi zmien limitat taghmel il-bidliet kollha li hemm bzonn fl-oqsma kollha tat-tmexxija interna u tan-negozju taghha sabiex terga` ssib it-triq tal-istabilita' finanzjarja, il-Qorti hija konvinta li dan ikun **<u>fl-interess tal-kredituri kollha taghha</u>**.

Il-Qorti hija konvinta illi l-kredituri ghandu jkollhom l-interess li jithallsu finalment fi zmien ragonevoli dak li ghandhom jiehdu, mhux jaraw lid-debitur taghhom imut mewta (naturali jew forzata) bil-konsegwenza reali li jispiccaw ma jirkupraw xejn jew ftit minn dak dovut lilhom. Naturalment f`cirkostanzi ta' din ix-xorta il-bilanc tal-interessi ghandu rilevanza ewlenija.

**Fil-fehma ta` din il-Qorti, l-interess ahhari tal-kredituri ghandu jkun li jassikuraw li l-krediti taghhom jithallsu tassew. Fl-interess taghhom l-unika triq li tara l-Qorti u li taghmel sens huwa li r-rikorrenti tipprocedi bil-ftehim propost.**

<u>Provvediment</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti billi :**

**Tilqa' l-ewwel talba. Ghalhekk tqieghed lill-kumpannija Executive Services Limited (C-6533) taht procedura biex kumpannija**

**tirkupra ("company recovery procedure") kif previst bl-Art 329B tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tilqa` t-tieni talba. Ghalhekk tahtar b`effett mil-lum bhala Kontrollur Specjali ghall-finijiet tal-Art 329B(5) tal-Kap 386 lill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino, billi l-Qorti hija sodisfatta li huwa persuna li ghandu l-hila u l-esperjenza mehtiega biex iwettaq din il-hatra. Lilu taghti s-setghat u d-dmirijiet ta` tmexxija u amministrazzjoni tal-gid tal-kumpannija rikorrenti, kif ukoll l-amministrazzjoni tan-negozju tal-istess, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**Riferibbilment ghat-tielet talba, u bla hsara ghall-generalita` tas-setghat, il-Kontrollur Specjali ghandu :**

**(a) jiehu f'idejh it-tmexxija tal-kumpannija rikorrenti. In partikolari, ghandu jikkonkludi u jiffinalizza, bl-aktar mod vantaggjuz ghall-kumpannija rikorrenti u ghall-kredituri taghha, ftehim aggornat fuq il-linji traccjati fl-abbozz Dok ESL6.**

**(b) jiehu f'idejh il-gid tas-socjeta` rikorrenti ;**

**(c) iniedi l-ezami tal-qaghda attwali tal-istess kumpannija ;**

**(d) jaghti lill-Qorti rapport preliminari sa mhux aktar tard minn xahrejn mil-lum skont kif jipprovdi l-Art 329B(6)(c) tal-Kap 386, u rapporti ohrajn minn zmien ghal zmien skont kif jipprovdi l-Art 329B(11) tal-Kap 386 ;**

**(e) wara li jgharraf lill-Qorti b`nota, jahtar, jekk ikun il-kaz, lil dik il-persuna jew persuni li jkun jehtieg ghall-qadi tal-hatra tieghu skont l-Art 329B(6)(g) tal-Kap 386 ;**

**(f) isejjah fiz-zmien stabbilit mill-Art 329B(7) tal-Kap 386 dawk il-laqghat mal-kredituri u mal-membri, li huwa jqis fid-**

**diskrezzjoni tieghu bhala mehtiega sabiex jinghata t-taghrif, u sabiex iwettaq kif imiss l-inkariku tieghu.**

**(g) tistabilixxi terminu ta' tnax-il xahar kalendarji mil-lum bhala zmien tal-hatra tal-Kontrollur Specjali kif irid l-Art 329B(1)(c) tal-Kap 386.**

**(h) tordna li sakemm tibqa` fis-sehh il-procedura tal-lum, jibqa` operattiv kull ma jinghad fl-Art 329(4) tal-Kap 386.**

**Tordna lill-kumpannija rikorrenti sabiex a spejjez taghha tiehu hsieb immedjatament in-notifika ta` dan il-provvediment lir-Registratur tal-Kumpanniji, lir-Registratur tal-Qorti u lill-Kontrollur Specjali Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino.**

**Tordna lill-kumpannija rikorrenti sabiex, sa zmien ghaxart (10) ijiem mil-lum, iggib avviz ta` daqs xieraq f`zewg gurnali lokali, wiehed bl-ilsien Malti u l-iehor bl-ilsien Ingliz, b`sunt tal-parti dispozittiva tal-ordni moghtija b`dan il-provvediment.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 329B(5)(a)(ii) tal-Kap 386, tistabilixxi fl-ammont ta` elfejn Ewro (€2,000) ir-rimunerazzjoni tal-Kontrollur Specjali, liema spejjez ghandhom jithallsu mill-kumpannija rikorrenti.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**